TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/217/11/S

Josianne Abela

Vs

Brian Buhagiar

Illum 20 t'April, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Josianne Abela pprezentata fis-6 ta'Mejju, 2011 filwaqt li l-intimat Brian Buhagiar baqa' ma rrispondiex ghalkemm debitament notifikat fil-15 t'Ottubru, 2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni taghha maghmula fil-15 ta'Marzu, 2012;

Ikkunsidra

Illi dan il-kaz jirrigwarda 'mobile' mixtri mir-rikorrenti minghand l-intimat mill-hanut tieghu li jismu 'Dual Zone' u li skont l-istess rikorrenti, dan il-'mobile' ma hadimx wara biss 3 ijiem;

Illi skont ir-rikorrenti wara 3 ijiem li ma hadimx, il-'mobile' rega' ma hadimx darb'ohra u meta r-rikorrenti regghet haditu ghand l-intimat u talbitu 'mobile' iehor minflok dak allegatament difettuz, Brian Buhagiar irrifjuta li jaghmel dan;

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-ftehim ta' bejn il-partijiet irid jigi onerat u ghalhekk dak mixtri ghandu jkun tal-kwalita miftehma;

Illi oggett gdid m'ghandux jigrilu dak konfermat mir-rikorrenti bil-gurament taghha;

Illi l-intimat ma ressaqx provi u ghalhekk it-Tribunal ghandu quddiemu biss l-verzjoni tar-rikorrenti;

Illi ghalhekk Brian Buhagiar irid jipprovdi rimedju kif stabbilit fl-artikoli 74, 75 u 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta filwaqt li l-ghazla tax-xorta ta' rimedju hi f'idejn ir-rikorrenti Josianne Abela li espremieta fix-xhieda moghtija fil-15 ta'Marzu, 2012;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Josianne Abela u Jordna lill-intimat Brian Buhagiar biex ihallas lill-istess Josianne Abela s-somma ta' €110, bl-ispejjez ta' quddiem dan it-Tribunal jithallsu mill-istess Brian Buhagiar.

Richard Sladden Av.
Arbitru